001738/EU XXV. GP
Eingelangt am 13/11/13

**COUNCIL OF THE EUROPEAN UNION**

**Brussels, 13 November 2013**

**Interinstitutional File: 2013/0255 (APP)**

**16006/13**

**EPPO 14**
**EUROJUST 108**
**CATS 71**
**FIN 728**
**COPEN 185**
**INST 591**
**PARLNAT 267**

**OPINION**

| | |
|---|---|
| from: | House of Representatives of Malta |
| date of receipt: | 28 October 2013 |
| to: | Council |
| Subject: | Proposal for a Council Regulation on the establishment of the European Public Prosecutor's Office<br>Doc. 12558/13 EPPO 3 EUROJUST 58 CATS 35 FIN 467 COPEN 108 [COM(2013) 534 final]<br>- *Opinion*[1] *on the application of the Principles of Subsidiarity and Proportionality* |

Delegations will find attached the above mentioned Opinion.

---

Encl.

[1] This opinion is available in English on the interparliamentary EU information exchange site (IPEX) at the following address: http://www.ipex.eu/IPEXL-WEB/search.do

KAMRA TAD-DEPUTATI HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLAMENT TA' MALTA

*Uffiċċju tal-iSpeaker* *Speaker's Chambers*

28 Ottubru 2013

**Is-Sur Josè Manuel Barroso**
**President tal-Kummissjoni Ewropea**

**Is-Sur Martin Schultz**
**President tal-Parlament Ewropew**

**Is-Sur Herman Van Rompuy**
**President tal-Kunsill Ewropew**

Il-Parlament ta' Malta eżamina il-Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar it-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (Kumm(2013)534) u kkonkluda li din ma tissodisfax il-prinċipju tas-sussidjarjetà.

Għaldaqstant, skont id-dispożizzjonijiet ta' Protokoll Nru 2 tat-Trattat ta' Lisbona qed ngħaddilek opinjoni motivata mill-Parlament ta' Malta, bid-data tal-lum, annessa ma' din l-ittra.

Dejjem Tiegħek,

**Anglu Farrugia**
**Speaker**

**OPINJONI MOTIVATA: PROPOSTA GĦAL REGOLAMENT TAL-KUNSILL DWAR IT-TWAQQIF TAL-UFFIĊĊJU TAL-PROSEKUTUR PUBBLIKU EWROPEW (KUMM (2013) 534)**

**1. Raġunijiet**

L-Artikolu 6 tal-Protokoll Nru 2 fuq l-Applikazzjoni tal-Prinċipji ta' Sussidjaretà u ta' Proporzjonalità, anness mat-Trattat ta' Lisbona, jipprovdi li kull Parlament nazzjonali jista', fi żmien tmien ġimgħat mid-data minn meta jirċievi abbozz ta' att leġislattiv uffiċjali tal-Unjoni, jibgħat lill-Presidenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni opinjoni motivata bir-raġunijiet li għalihom iqis li l-abbozz in kwistjoni ma jimxix mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

**2. Opinjoni Motivata**

*2.1Is-Setgħa tal-Unjoni li Taġixxi*

Il-Parlament Malti jqis li l-Proposta tonqos milli tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Filwaqt li favorevoli lejn il-kreazzjoni ta' xi forma ta' Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (EPPO), il-Parlament Malti ma jaħsibx li l-istruttura kif ukoll il-kompetenza tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (EPPO), hekk kif proposta mill-Kummissjoni hija l-unika u l-aħjar soluzzjoni konċepibbli u huwa propju minħabba dan il-fatt li l-Parlament Malti hu tal-fehma li jista' jkun hemm alternattivi oħra ta' struttura għal dan l-Uffiċċju fejn ikun aktar onerat l-prinċipju ta' sussidjarjetà.

Il-Parlament Malti hu tal-fehma li l-prinċipju tas-sussidjarjetà huwa, di natura, pjuttost soġġettiv u għalkemm wieħed ma jsibx definizzjoni ta' dan il-prinċipju, Artikolu 5(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jippremetti illi l-Unjoni Ewropea tieħu azzjoni biss jekk 'l-objettivi tal-azzjoni prevista ma jkunux jistgħu jinkisbu biżżejjed mill-Istati Membri'.

*2.2 Miżuri fil-Proposta*

It-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (EPPO) intiż sabiex jiġġieled ir-reati kontra l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea, hekk kif jipprovdi Artikolu 86 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, hija xi ħaġa pożittiva ħafna għaliex dawn ir-reati jaffettwaw il-baġit ta' kull Stat Membru u l-Parlament Malti jqis li t-twaqqif ta' dan l-Uffiċċju għandu jkun ta' valur miżjud. Artikolu 86 jistabbilixxi li dan l-Uffiċċju għandu jkun kompetenti u responsabbli għall-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni kif ukoll għat-tressiq għall-ġustizzja tal-awturi u l-kompliċi ta' reati kontra l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u jwettaq ukoll il-funzjoni ta' prosekutur fil-qrati kompetenti ta' l-Istati Membri fir-rigward ta' dawn ir-reati.

Il-Parlament Malti huwa tal-fehma li din il-proposta ma tonorax il-prinċipju tas-sussidjaretà. Il-Parlament Malti jħoss illi l-mod kif inhi mfassla din il-proposta dwar il-funzjonijiet u l-kompetenzi tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew mhux neċessarjament l-inqas wieħed intrusiv u mhux l-aħjar metodu biex jintlaħqu l-objettivi ġusti ta' din il-proposta.

B'żieda ma' dan il-Kostituzzjoni ta' Malta tesiġi li l-Avukat Ġenerali ma jkunx taħt id-direzzjoni jew kontroll estraneu. In fatti, il-Parlament Malti tal-fehma li investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet kriminali għandhom dejjem jinżammu qrib kemm jista' jkun għal-livell nazzjonali speċjalment meta wieħed jikkonsidra li din il-kwistjoni hija parti integrali tal-liġi kriminali tagħna u li, *inter alia*, din taffettwa is-sovranità nazzjonali tagħna.

*2.3 Konklużjoni*

Il-Parlament Malti jqis li l-kreazzjoni u twaqqif tal-EPPO, *per se*, ma jmurx kontra l-prinċipju ta' sussidjarjetà *stante* li din hija obbligazzjoni naxxenti mit-Trattat fuq Malta u li Malta qatt ma opponiet għalih. Hija l-istruttura u l-kompetenza ta' dan l-Uffiċju li l-Parlament iħoss li jmorru kontra dan il-prinċipju kif intqal aktar 'il fuq.

Il-Parlament huwa tal-fehma li l-proposta tal-Kummissjoni ta' kif għandu jitwaqqaf l-EPPO mhijiex l-aħjar għażla u li hemm alternattivi oħra li huma possibbli u li fuq kollox jirrispettaw il-prinċipju tas-sussidjarjetà. Barra minn hekk, il-Parlament huwa tal-fehma illi l-istruttura ta' Kulleġġ tista', filwaqt li tkun ta' valur miżjud, tkun qed tħares il-leġittimità tal-istruttura minnha innifisha billi tali leġittimità tkun qed tiġi direttament mill-Istati Membri.

Anġlu Farrugia
Speaker
Kamra tad-Deputati ta' Malta